XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.39 (Disa' u Tletin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill it-Tlieta, 27 ta' Novembru , 2012 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Azzopardi Joseph |
| Kunsilliera | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire (Skuzata) |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti, minbarra M.Claire Decelis li kienet skuzata.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 Is-Sindku beda biex tkellem fuq l-impjant tad-drenaġġ ta' Barkat u qal li ma jistax ikun nibqgħu sejrin hekk bl-irwejjaħ li ma jieqfux u bix-xogħol fuq il-landscaping qatt ma jibda. Is-Sur Valvo qal li waqt il-laqgħa li jmiss irridu nistqarru magħhom li din il-problema ma tistax tibqa' sejra hekk għaliex il-poplu tax-Xgħajra għadu jbagħti dan l-inkonvenjent. Il-landscaping ta' madwar l-impjant għadu fl-istess stadju, fejn il-M EPA għadha m'approvatx il-permess sabiex ikun jista' jsir dan ix-xogħol.

3.2 Is-Sindku nforma lil sħabu l-kunsilliera li l-Accountant il-ġdid, Adrian Chircop beda bix-xogħol fuq il-*back log* li għandna u sejjer tajjeb. Huwa qiegħed jaħseb li l-ġimgħa d-dieħla jġib kollox up-to-date.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.3. Fuq iċ-Ċentru Sportiv is-Sindku qal li bħalissa waqaf ix-xogħol kollu għaliex bla fondi. Għad hemm xogħol ħażin u l-kuntrattur għandu jseġwi l-istruzzjonijiet tal-Perit u jirranġa fejn hemm bżonn. Fosthom hemm pilastru li qiegħed iċedi. Fl-istess ħin il-Kunsill huwa marbut li l-parti ta' fuq tal-proġett li jkopru l-bandli u l-Belvedere/Tejatru Ġriek titlesta. Għalhekk ġie deċiż li l-prijorita' tal-Kunsill hija li din il-parti titlesta u tinfetah kemm jista' jkun malajr.

3.4. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li jmiss mal-SSTP irridu nfakkru lis-Sur Mark Muscat, is-CEO li huwa kien wiegħed lill-iskola li ser isir grawnd bit-turf.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda : Korrispondenza

4.1 Is-Sur Valvo qal li fuq il-korrispondenza mas-Sur Charles Bonello li tikkonċerna kemm il-fondi speċjali u n-nuqqas ta' fondi oħra, s'issa għadna ma rċevejna xejn.

Is-Sindku qara korrispondenza li kellu mal-Prim Ministru fejn it-tema kienet il-fondi mill-iskemi li ilna li applikajna għalihom iktar minn sena ilu. Il-Prim Ministru qallu li sa' l-aħħar tas-sena għandha tittieħed deċiżjoni. Din l-ittra tinsab fil-file fl-uffiċċju tal-Kunsill għal aktar informazzjoni.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhar t'Ottubru, 2012 ġie approvat.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-ġibjun li qiegħed fir-roundabout fejn il-proġett u ġie deċiż li jintalbu l-WSC sabiex jispezzjonaw dan il-ġibjun u xi bjar li jista' jkunu viċin tiegħu minħabba li dawn is-siti qabel kienu għelieqi.

6.2. Xogħol ta' holding wall mill-kuntrattur imqabbad minn Transport Malta qiegħed miexi tajjeb apparti ċerti affarijiet li m'humiex jaqblu skond il-pjanti tal-Perit tal-Kunsill, li qalilna li l-passaġġ ta' taħt il-grawnd bħalissa jinsab aktar wiesgħa milli suppost sabiex ikunu jistgħu jgħadu bit-trakkijiet u jsir ix-xogħol.

XGHAJRA

Ġie kkonfermat li l-katusi li jridu jitpoġġew madwar is-sit tal-proġett minħabba l-Enemalta, ġew mixtrija u qiegħdin nistennew li titlesta dik il-parti viċin tar-retaining wall.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-entraturi ta' dan il-proġett iridu jitlestew urġentement minħabba li rridu niftħuħ fil-bidu tas-sena d-dieħla.

Is-Sindku qal li bħalissa l-urġenza hija li nlestu l-ewwel fażi tal-proġett jiġifieri l-Belveder u l-bandli. Kull ma jonqosna huwa li ssir l-entratura, r-railing tal-bandli bħala safety u jiġu nstallati l-bandli u d-dawl ta' fuqhom.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Applikazzjoni għal fondi għall-Librerija għas-sena 2013

7.1 Il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni ssir kif indikat u li l-Kunsill joħroġ is-somma ta' €500 mill-allokazzjoni tal-Kunsill fi spejjeż tal-Librerija skond kif jeħtieġ b'din l-iskema.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Rimi bil-barges fil-baħar – Is-Sur Valvo qal li kiteb lill-MEPA ħafna drabi fuq id-dumping bil-barges. Iċ-Chairman tal-MEPA rrisponda li l-barge qiegħed jarmi fejn suppost pero' s-Sindku qal li dan mhux vera għaliex ix-Xgħajra qed tbati konsegwenzi fil-kosta. Għalhekk is-Sindku ppropona li nagħmlu studju tal-qiegħ tal-baħar biex ikollna l-evidenza kollha li dawn qedgħin jarmu f'postijiet fejn mhux suppost u wara ssir Press Release.

8.2 Ġie deċiż li l-entratura tal-Kunsill, quddiem il-bieb ta' l-uffiċini tiġi pavimentata sabiex jonqos il-ħmieġ u l-ilmijiet li dejjem jinġabar madwar.

8.3 Kien hemm ilmenti li qiegħed jintrema skart ta' l-annimali fuq plot li tinsab fi Triq Alof de Wignacourt kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul, liema art m'għandiex ċint adekwat għax kien twaqqa' minn xi vetturi. Ġie deċiż li l-Kunsill jipprova jagħmel kuntatt ma' sid l-art jekk dan jinstab min hu, pero' minħabba li din il-parti tax-

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Xgħajra qegħdha ssir miżbla naraw xi rridu nagħmlu sabiex nibnu ċint.

8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm x'ilmenti fuq caravan fi Triq Orlando Zabbar li qiegħed ipparkjat fit-triq viċin il-kantuniera u li qiegħed joħloq inkonvenjent għal dawk il-karozzi li jduru għal ġo din it-triq. Ġie deċiż li jinsab is-sid u jiġi avżat sabiex jitneħħa.

8.5 Arriva – Kellna ħafna lmenti mir-residenti fuq l-arriva minħabba l-istorbju tagħhom meta jkunu weqfin fuq l-istage jistennew il-ħin isir kif ukoll fuq il-venda fejn għandha tiġi. Ilmenti oħra fuq ir-rotta 120 li mhux tidħol fl-area ta' St. Peters u ħafna oħrajn. Għalhekk is-Sindku ppropona laqgħa mal-uffiċjali tal-Arriva u Transport Malta biex nitkellmu fuq il-post. Din il-laqgħa ser issir il-ġimgħa d-dieħla propju nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru is-1pm.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Ħamis, 27 ta' Diċembru, 2012, fis-6.00pm

, .

____________________________ ____________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt